MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 135/2007

**Krushenka Buhagiar (I.D.303176M).**

**vs.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Krushenka Buhagiar datat 5 ta' Frar 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi r-rikorrenti twieldet f'Malta, gewwa Attard, fis-sitta (6) ta' Lulju 1976;

Illi *nonostante* dan, meta gie biex jigi rregistrat it-twelid tar-rikorrenti, ghal xi raguni d-data tat-twelid taghha tnizzlet b'mod skorrett fuq ic-certifikat tat-twelid taghha;

Illi din l-iskorrettezza tirrizulta bl-aktar mod car mic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti mahrug mir-Registru Pubbliku ta’ Malta, liema registrazzjoni hija numerata 3031 (Dok “A”);

Illi minbarra li dan il-fatt jikkawza diffikultajiet u skonvenjent kontinwu ghar-rikorrenti, hija waslet biex tikkonkludi l-applikazzjoni taghha ghac-cittadinanza doppja, *stante* li ommha twieldet gewwa l-Finlandja, izda din l-applikazzjoni ma tistax tigi konkluza qabel ma jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fic-certifkat tat-twelid tar-rikorrenti.

Illi l-proceduri necessarji biex ir-rikorrenti tottjeni din ic-cittadinanza doppja jehtiegu li jigu konkluzi fi zmien tliet (3) xhur, u fin-nuqqas l-esponenti ser titlef id-dritt taghha li jkollha c-cittadinanza doppja, u dan kif jirrizulta mid-dokumenti hawn anness u mmarkat bhala Dok “B”.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet jehtieg li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li fuq ic-certifikat tat-twelid taghha (Dok “A”) hemm erronjament imnizzla li d-data tat-twelid tar-rikorrenti hija s-sitta (6) ta’ Gunju 1976;

2. Tordna lill-intimat jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid hawn fuq indikat billi tigi kkancellata d-data tas-sitta (6) ta’ Gunju 1976 bhala d-data tat-twelid tar-rikorrenti u minflok tigi nserita d-data tas-sitta (6) ta’ Lulju 1976 bhala d-data tat-twelid tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi u mmarkati minn Dok “A” sa Dok “E”.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smiegh ghas-seduta tas-27 ta’ Frar 2007. .

Rat l-avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern li ggib id-data tad-9 ta’ Frar 2007 a fol. 18 tal-process.

Rat ir-risposta guramentata ta’ l-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 26 ta’ Frar 2007 a fol. 19 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet.

2. Illi r-rikorrenti ghandha tispecifika jekk hu l-kaz, x’Atti ta’ l-Istat Civili ohra jehtieg li jigu korretti *ai termini* ta’ l-**artikolu 253 (3) tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Illi ghandha ssir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Illi fi kwalumkwe kaz it-talbiet rikjesti fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti. L-esponent jirrileva li jirrizulta li d-dikjarant fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni kien il-missier tar-rikorrenti Joseph Zahra u ghalhekk hu kien obbligat li jivverifka li l-informazzjoni li ddikjara u ffirma ghaliha quddiem l-ufficjal pubbliku kienet korretta.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness u mmarkat bhala Dok “A” ta’ l-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Frar 2007 fejn meta ssejjah ir-rikors deheru d-difensuri tal-partijiet u l-attrici kkonfermat bil-gurament taghha dak indikat fir-rikors

guramentat taghha, fil-waqt li Dr. Roma D'Alessandro rrimettiet ruhha ghall-atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-6 ta' Marzu 2007.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-twelid ta' Krushenka Buhagiar, li jgib in-numru 3031/1976 *stante* li l-istess attrici qed isostni li twieldet fis-6 ta' Lulju 1976 u mhux fis-6 ta' Gunju 1976 kif jinsab indikat fl-istess Certifikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u jidher palezament li sar zball fic-Certifikat tat-twelid ta' l-istess attrici, fis-sens illi giet indikata erronjament id-data tat-twelid ta' l-istess attrici "6 ta' Gunju 1976" meta fil-fatt id-data korretta hija "6 ta' Lulju 1976".

Illi dan jinsab ikkonfermat mid-dokumenti annessi mar-rikors guramentat u mix-xhieda ta' l-istess attrici, liema dokumenti ma huma bla ebda mod ikkontestati u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** kif dedotti fic-citazzjoni, b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-attrici Krushenka Buhagiar twieldet fis-"6 ta' Lulju 1976" u mhux fis-"6 ta' Gunju 1976" kif jindika c-certifikat ta' twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 3031/1976.

2. Tordna lill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi c-certifikat ta' twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 3031/14976, liema certifikat jirreferixxi ghal Krushenka Buhagiar, fis-sens illi fil-kolonna ndikattiva tal-hin, jum, xahar u sena tigi kancellata d-data "6 ta' Gunju 1976" u tigi sostitwita bid-data "6 ta' Lulju 1976".

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha issir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap ta' l-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attrici, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------